VERŻJONI ELETTRONIKA



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,362, 30 ta' Diċembru, 2014*
*Taqsima B*

**A.L. 484 tal-2014**

## ATT DWAR L-IMPIEGI U R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI (KAP. 452)

### Ordni ta' *Standard* Nazzjonali tal-2014 dwar l-Inqas Paga Nazzjonali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, il-Ministru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impiegi, għamlet dan l-ordni li ġej:-

**1.** It-titolu ta' dan l-Ordni hu l-Ordni ta' *Standard* Nazzjonali tal-2014 dwar l-Inqas Paga Nazzjonali, u dan l-Ordni għandu jibda' jseħħ fl-1 ta' Jannar, 2015. Titolu u bidu fis-seħħ.

**2.** L-inqas paga nazzjonali fil-ġimgħa għal ġimgħa normali ta' xogħol għandha tkun kif ġej: L-inqas paga nazzjonali.

| | |
|---|---|
| Ta' età 18-il sena u fuqhom .................... | € 166.26 |
| Ta' età 17-il sena .................................... | € 159.48 |
| Taħt is-17-il sena .................................... | € 156.64. |

**3.** L-inqas paga nazzjonali ta' impjegati *part-time* għandha tkun ikkalkulata *pro rata* bl-istess rata fis-siegħa ta' impjegat komparabbli *whole-time* li tkun tapplika skond l-inqas paga tal-Ordni dwar Kunsill tal-Pagi li Jirregola l-Pagi rilevanti, jew f'każijiet fejn Ordni dwar Kunsill tal-Pagi li Jirregola l-Pagi ma tkunx tapplika, b'rata fis-siegħa li ma tkunx anqas mill-Inqas Paga Nazzjonali *Standard* li tkun tapplika, kif stabbilita skond l-artikolu preċedenti u diviża b'erbgħin. Impjegati *part-time.*

**4.** Meta xi Ordni dwar Kunsill tal-Pagi li Jirregola l-Pagi jkun japplika għal xi impjegat, il-pagi li jitħallsu lil dak l-impjegat fir-rigward tal-2015 m'għandhomx ikunu anqas minn dawk stabbiliti b'dak l-Ordni dwar Kunsill tal-Pagi li Jirregola l-Pagi applikabbli għal 2014, aġġustat għall-għoli tal-ħajja b'xi żjidiet ta' pagi dikjarati bħala li jkunu ġeneralment japplikaw għall-impjegati *whole-time* kollha skont l-artikolu 8 tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, jew b'xi żjidiet fil-paga għall-għoli tal-ħajja stabbilita b'xi ordni ta' *standard* nazzjonali applikabbli fir-rigward tal-2015. Ordnijiet dwar Kunsilli tal-Pagi li jirregolaw il-Pagi. Kap. 452.